# EŻAMI ANNWALI TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2001

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: __________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub:

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | G | Għ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 22 | 5 | 10 | 8 | 12 | 5 | 10 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | |

Kummenti

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha :*

Il-murtali tal-kulur kienu qed idawlu s-sema u l-għoljiet qargħin ta' madwar ir-Raħal dehru wieqfa u siekta bħal bi nhar. Is-sulfat li ħallat ix-Xlejgi u l-melħ ta' l-ammonju li żewwaq it-taħlita taw lis-sema dehra ġdida u s-sodju u l-kalċju taw l-għajnuna tagħhom ma' kull murtal li tela' sparat fl-ajru. ***(par. 1)***

Ir-Raħal kollu kien qed jgħarrex 'il fuq, il-kampnari tal-knisja, il-bjut, il-bandieri tal-Każini, iż-żewġ palmiet tal-Kappillan, l-erba' Arkanġli fit-triq ħiemda battala u n-nies kollha ta' ġol-misraħ tigdem il-qubbajd u timbotta biex tilħaq post aħjar għal xħin jibda n-nar. ***(par. 2)***

Kulħadd kien wiċċu għad-dawl, jitbissem, jiċċaċċra u jfaqqa' d-daħk, min jinbex lil dik, min jinki lill-oħra u min jipprova jikseb ftit qubbajd b'xejn. ***(par. 3)***

Żabbett, mistrieħa ma' driegħ is-Sa Rożann, kienet qed tagħmel tabirruħha tgħarrex qalb il-geġwiġija tan-nies biex turi li qed tieħu sehem fil-briju, u l-mara twajba, li wara ftehim bejn il-Kappillan u ommha kienet qed tieħu ħsiebha, ma tiħux għaliha. Ommha ma kenitx ħarġet mid-dar, għax dik ix-xiħa lanqas fil-festi ma tixref mill-għatba 'l barra. Missierha setgħet tobsor fejn kien. Jew il-każin jew għand Krazju tal-Qatra. L-indiema tagħha u l-konverżjoni li tant ħadu pjaċir bihom għall-ewwel ma damux ma ntesew u kulħadd reġa' lura għall-ħajja ta' qabel. ***(par. 4)***

Samwel biss ma kenitx taf x'sar minnu. Kien baqa' ma ġiex jaraha, kif għad li kontra qalbha setgħet tobsor. Bdiet tgħarrex fil-kotra, beżgħana li tintebaħ is-Sa Rożann, biex tara tarahx. ***(par. 5)***

Għaddew bosta nies minn quddiem għajnejha, uħud mir-Raħal, li ftit minnhom ħarsu lejha u mbagħad lejn is-Sa Rożann, u baqgħu sejrin, oħrajn minn barra r-Raħal li ġew jissieħbu fil-ferħ ta' San Patrizju. Imma lilu baqgħet ma lemħitux. ***(par. 6)***

Qalbha kienet tferfer f'sidirha kull x'ħin tilmaħ xi ras tixbah lil tiegħu, u mbagħad tieqaf zopptu kif ir-ras iddur u ssib li ma kienx hu. ***(par. 7)***

Xħin intemm kollox u l-kaxxa infernali ħarqet lilha nnifisha u fgat lill-kotra marsusa fil-Misraħ bid-dħaħen jintnu tagħha, Żabbett marret bil-kwiet mas-Sa Rożann lejn darha b'toqol kbir fuq qalbha. ***(par. 8)***

Xi ħaġa bdiet tgħidilha li ġratlu xi ħaġa , jew, jekk ma ġratlux, se tiġrilu ma ddumx. Tgħid kienet għadha tħobbu? Tgħid qalbha kienet għadha miegħu fil-għorfa tas-setaħ tar-razzett? Tgħid wara li telqitu u kisret kelmitha miegħu, kienet għadha tħobbu? ***(par. 9)***

Dal-ħsibijiet keddewha sa x'ħin marret għajnha biha u baqgħu magħha sa filgħodu meta baqgħet fis-sodda għax ħassitha għajjiena u kontra qalbha ma setgħetx toħroġ bl-iskuża tal-paniġierku. Kellha biża' kbir fuqha, u l-agħar li ma kenitx taf x'inhu. ***(par. 10)***

(silta mir-rumanz **Samuraj** ta' Frans Sammut)

| **A. FEHIM IT-TEST** | *(8 marki)* |
|---|---|

1. X'sehem kellhom il-murtali tal-kulur fir-raħal? *(par. 1)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

2. Fisser x'ried jgħid il-kittieb meta qal: *Ir-raħal kollu kien qed jgħarrex 'il fuq. (par. 2)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

3. Min kien qed jieħu ħsieb Żabbett? *(par. 4)* ______________________ (1)

4. Fejn kienu omm u missier Żabbett meta kien se jingħata n-nar? *(par. 4)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

5. Mill-5 paragrafu, kif taħseb li kienet tħossha Żabbett meta ma ratx lil Samwel qalb il-folla? ______________________________________ (1)

6. Ikteb il-personifikazzjoni li l-awtur juża biex juri x'għamlet il-kaxxa infernali. *(par. 8)*

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (1)

7. *Kellha biża' kbir fuqha, u l-agħar li ma kenitx taf x'inhu. (par. 10)* Minn dak li qrajt mis-silta, x'taħseb inti dwar il-biża' ta' Żabbett?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________ (2)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | *(22 marka)* |
|---|---|

**(i) ANALIŻI TESTWALI**

1. *u s-sodju u l-kalċju taw l-għajnuna tagħhom (par. 1)* tfisser :
   a) għenu biex il-murtali jiftħu b'kuluri iżjed ħajja ☐
   b) dallmu r-raħal ☐ (1)

2. Ikteb il-verb li juri l-ħeġġa tan-nies biex tilħaq l-aħjar post għal meta jibda n-nar. *(par. 2)* ______________ (1)

3. Ikteb il-kliem mir-4 paragrafu li juri li Żabbett kienet għamlet xi ħaġa serja, iżda li wara ddispjaċiha. ______________________________

   ______________________________________________ (1)

4. *Imma lil**u** baqgħet ma lemħitux. (par. 6)* Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż **u** fil-partiċella lil**u**? ______________________________ (1)

5. Ikteb l-idjoma mit-8 paragrafu li turi d-dwejjaq kbar li kienet għaddejja minnhom Żabbett.

______________________________ (1)

## (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

1. *kien wiċċu għad-dawl (par. 3)* tfisser :
   a) wiċċ miksi bid-dawl tal-murtali ☐
   b) wiċċ ferħan ☐ (1)

2. Ikteb il-kliem li juri li Żabbett mhux tassew li kienet qed tieħu pjaċir bil-briju qalb in-nies. *(par. 4)* ______________________________ (1)

## (iii) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

a. Imla l-vojt ta' l-ewwel kolonna skond kif mitlub fit-tieni kolonna:

| L-EWWEL KOLONNA | IT-TIENI KOLONNA |
|---|---|
| 1. Żabbett (kienet) ______________ qed tieħu pjaċir. | 1. negattiv ta' *kienet* |
| 2. a) ħassitha -- ______________<br>b) arti -- ______________ | 2. a) l-għerq tal-verb<br>b) oħroġ kelma oħra |
| 3. Il-murtali dawlu (r-raħal) ______________ . | 3. plural miksur ta' *ir-raħal*. |
| 4. Il-murtali kienu (lewn) ______________ . | 4. aġġettiv minn *lewn* |
| 5. Dehru resqin xi nisa (twajjeb) ______________ . | 5. il-plural ta' l-aġġettiv *twajjeb* |
| 6. Samwel (bqija) ______________ ma marx għall-festa. | 6. verb minn *bqija* |
| 7. Il-bennej (bini) ______________ fil-għoli. | 7. verb fil-perfett minn *bini* |
| 8. jitbissem - ______________<br>jfaqqa' - ______________ | 8. il-forma ta' *jitbissem*<br>il-forma ta' *jfaqqa'* |
| 9. __________ missier Żabbett ma kontx tarah fil-festa. | 9. ikteb waħda minn: lil/lill-/lil- |

(11-il marka)

b. Nissel **il-partiċipju passiv maskil** mill-kelma fil-parentesi:

   1. L-iskript kien (ittajpja) ______________ pulit.
   2. Il-pajjiż kien (mexxa) ______________ b'dixxiplina. (2)

ċ. Nissel **il-partiċipju attiv fil-femminil** mill-kelma fil-parentesi:

   1. Tonia kienet il-(wirt) ______________ tal-ġenituri tagħha. (1)

**(iv) SINTASSI (SENTENZI)**
Kompli din is-sentenza billi żżomm l-istess tifsira.

1. a. Tgħid wara li telqitu u kisret kelmitha miegħu, kienet għadha tħobbu?
   b. Żabbett kienet titħasseb dwar jekk hi ______________________________
   ____________________________________________________________ (1)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(5 marki)*

QWIEL: XORTI U FIDI/KASTIG U RIKUMPENS

X'qegħdin jgħidu dawn il-qwiel skond kif użati fis-sentenzi? (Ikteb it-tweġiba fl-ispazju pprovdut.)

1. Fuq ix-xogħol *daqqa tmissek l-għadma u daqqa oħra l-laħma*.
   ____________________________________________________________
2. Għalkemm Anna kienet tgħaddi minn ħafna inkwiet, dejjem nismagħha tgħid:"*Nieħdu kollox minn idejn Alla*."
   ____________________________________________________________
3. Fl-eżamijiet ir-riżultati juru li *dak li tiżra' taħsad*.
   ____________________________________________________________
4. Għal Loraine kien tard wisq biex terġa' tibgħat lil zijitha toqgħod għal rasha meta kienet hi stess li offritilha darha. *Issa la krietha toqgħod għaliha*.
   ____________________________________________________________
5. Ernest dejjem *jitkaża bit-tfal tal-ġirien u għad jaqa' fil-każa huwa nnifsu*.
   ____________________________________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(10 marki)*

Immaġina li int *reporter* ma' gazzetta lokali u qed tiġbor tagħrif minn fomm in-nies dwar kif jaħsbuha fuq iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi Maltin u Għawdxin. Darba minnhom għalhekk mort sa Bieb il-Belt u bdejt twaqqaf in-nies biex tintervistahom dwar dan is-suġġett. (Ikteb madwar 80 kelma u uża l-format ta' intervista.)



____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - L-IDEA TA' LINGWA *(8 marki)*

Agħżel suġġett li fittixt dwaru għall-proġett ta' din is-sena u ikteb dwaru f'madwar 8 linji.

## F. LETTERATURA - Poeżiji - Nadriet 3 *(12-il marka)*

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha:

1. *WAĦD* ta' Rużar Briffa

a) Waħdi tlajt
L-għoljiet xemxija
Taż-żgħorija;

i) X'ried jgħid Briffa b'*għoljiet xemxija*? (1)

b) tbiddlu d-dwal...
kollox jagħti fis-sewdieni...,

ii) Fisser x'ried jgħid Briffa b'dawn il-versi. (1)

*WAĦD* ta' Dun Karm

ċ) Ġera ħsiebi lejn hena tfuliti,
...............................................
<u>Meta kollox hu safi mill-ħtija,</u>

iii) Mill-poeżija ta' Dun Karm, fisser il-vers b'rig taħtu. ______________________________
______________________________________________________________________ (1)

d) Bla magħruf dak il-hena minn fuqi
Bħala nefħa ta' riħ għadda u mar.

iv) Għal liema hena qed jirreferi Dun Karm? ______________________________________
______________________________________________________________________ (1)

2. Agħżel poeżija minnhom (ta' Rużar Briffa jew ta' Dun Karm) u f'madwar 5 linji ikteb dwarha.

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________ (4)

3. **Aktar Nadriet Poetiċi**
Agħżel poeżija **WAĦDA** milli studjajt u ikteb il-ħsieb tagħha f'madwar 4 linji.

| |
|---|
| *Fis-Skiet* - Carmel Calleja, *Matul is-Snin tal-Ħajja* - Ġużè Chetcuti, *Jekk Baħar Int Għalija* - Carmel G. Cauchi, *Raqdet il-Belt* - Lilian Sciberras, *Fuq il-Palm Tal-Ħbiberija* - Philip Sciberras, *Iż-Żgħożija* - Charles Flores, *Fjur tas-Sur* - Mario F. Bezzina, *Ħabbata* - Marjanu Vella |

Isem il-Poeżija- ________________________________

Isem il-Poeta- ________________________________

Il-ħsieb tal-poeżija- ______________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________ (4)

## Ġ. LETTERATURA - Dramm - Il-Fortuna tal-Bakkaljaw - ta' Ġużè Aquilina *(5 marki)*

F'madwar 5 linji ikteb dwar is-sehem tax-xiħ fil-ġrajja tad-dramm.

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________

## G. LETTERATURA - Stejjer Għal Qabel Jidlam ta' Oliver Friggieri *(10 marki)*

1. Wieġeb il-mistoqsijiet :

a) "Miskin Ruben," qal Neftali. Għaliex qal dan il-kliem fl-istorja *Min Miet Fit-Tarzna?*

______________________________________________

b) Għalfejn il-karattru ewlieni kien daħal fl-isqaq wara r-raġel bil-krozzi?

______________________________________________

ċ) *Hi, imbikkija, staqsietu għaliex kienu għamlulha hekk.* X'kienu għamlulha lil Koranta? ______________________________________

______________________________________________ (3)

2. F'madwar 8 linji ikteb dwar ġrajja **WAĦDA** mill-istejjer imsemmijin f'a, b, ċ.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (7)

## GĦ. KOMPONIMENT

Ikteb madwar 300 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata.)

1. Qrajt artiklu interessanti mill-magazin favorit tiegħek. Agħti kull tagħrif dwar dan l-artiklu u għid għaliex sibtu utli.
2. "Naħli ħafna ħin nisma' d-diski u nara t-televiżjoni."- Ikkummenta.
3. "*Jiena issa teenager!*" Ikteb dwar ir-relazzjoni tiegħek mal-ġenituri.
4. Inħossni komda fil-kumpanija ta' xbejbiet u ġuvnotti waqt attivitajiet u ħarġiet flimkien. - Ikkummenta.
5. L-eżerċizzju fiżiku huwa tajjeb għaż-żgħar u għall-kbar. Ikkummenta.
   (għawm, ġiri, żfin, *sport* huma kollha forom ta' eżerċizzju li tista' ssemmi u tgħid x'effett għandhom fuq il-moħħ u fuq il-ġisem.)

